MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 214/2011

**A *sive* B C**
**vs**
**D E *sive* FE C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent pprezenta u talbet hekk:

Illi r-rikorrent u l-intimata kienu zzewwgu fil-hmistax ta’ Lulju, tas-sena 1989 fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Girgor, Tas Sliema;

Illi l-partijiet kienu gew awtorizzati illi jisseparaw fis-7 ta’ Dicembru, 1995 u dan permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ippubblikata fl-atti tan-Nutar Rachel Sammut ippubblikat fl-istess gurnata, kopja tieghu hawn Ess u mmarkat Dok A;

Illi l-partijiet ma kellhomx tfal mill-imsemmi zwieg u permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmija irrinunzjaw reciprokament ghad-drittijiet alimentarji u tas-successjoni u tterminaw u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom;

Illi l-partijiet baqghu jghixu separati minn xulxin mis-sena 1995 sallum;

Illi r-rikorrent jixtieq li l-imsemmi zwieg jigi xolt permezz l-istitut ta' divorzju.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent, ghar-ragunijiet premessi, qieghed jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tawtorizzah illi jipprezenta kawza ghax-xoljiment taz-zwieg ta' bejniethom li kien gie ccelebrat fil-hmistax ta' Lulju, tas-sena 1989 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor, Tas Sliema.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet lil partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------